MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 900/1982/1

Joseph Briffa
vs
George Wells u Anthony Restall fil-kwalita` taghhom ta' diretturi tal-kumpanija "Stainless Steel Products Limited" u in rapprezentanza ta' l-istess kumpanija

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi fis-6 ta' Gunju 1980 l-attur, waqt li kien qed jahdem fil-fabbrika tal-kumpanija konvenuta, korra fuq ix-xoghol u sofra danni gravi;

Illi dan il-korriment gara minhabba t-tort u jew negligenza u jew nuqqas ta' osservanza tal-prekwazzjonijiet mehtiega dapparti tal-kumpanija konvenuta, kif kellu jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

L-attur talab lill-Qorti:

Tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghall-korriment li garrab l-attur fl-incident li gara fis-6 ta' Gunju 1980 u ghad-danni konsegwenzjali.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta' l-istess incident.

Tikkundanna l-konvenuti nomine jhallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Gubju 1982 kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni, u b'riserva ghall kwalunkwe azzjoni spettanti lill-attur skond il-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kumpanija konvenuta mhux responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tal-14 ta' April 1983 li bih Dr. Joseph Micallef Stafrace gie nominat bhala Perit Legali.

Rat id-digriet tal-14 ta' Jannar 1986 li bih l-Inginier Alfred Scicluna gie nominat bhala Perit Tekniku.

Rat id-digriet tat-8 ta' Novembru 2005 li bih Mr. Charles Grixti gie nominat bhala Espert Mediku.

Rat ir-rapport ta' Alfred R. Scicluna fejn fih issemma li:
" (B) Analisi tax-Xhieda

Wara xi ftit problemi l-pressa li korra fuqha l-attur giet identifikata bhala l-Magna ECCENTRIC MECHANICAL PRESS B31/2 jew B3E – TA RHODES MACHINES. Din wara inbieghet lis-Sur F&A Magro.

a. Li Briffa korra fuq il-pressa u fuq il-post tax-xoghol ma hemm l-ebda dubju.
b. Kien hemm ideat opposti fis-sens li jekk bla guard jew bil-guard il-heffa tal-produzzjoni tizdiedx jew tibqa' l-istess respettivament. **Jien fl-opinjoni tieghi l-produzzjoni tizdied xi ftit minghajr il-guard u dan ghal zieda wkoll kbira fil-periklu.**
c. Il-Kwota marbuta mal-hin u mal-bonus individwali imma kollettiva. **Dan seta jwassal ghall-abbuz tal-heffa u ghalhekk ahjar minghajr guard.**
d. Il-guard hu facli hafna li jigi ineffettiv mill-operator billi tinhall skorfina u jitnehha l-washer. Ghalhekk dan kien ikun nuqqas gravi ta' l-operatur kieku ghamlu HU kif ukoll nuqqas tal-foreman (Il-kumpanija) li ma ndunax jew jekk induna halla l-operatur ghaddej. Dan l-abbuz wiehed ma jaghmlux ghal-operazzjoni wahda imma ghat-tul taz-zmien matul ix-shift jew per ezempju ghall numru sostanzjali ta' 'stampar ta' pjanci'. B'hekk jista' jsahhah l-ammont ta' stampar u l-bonus jigi assigurat. Ghalhekk dan hu nuqqas serju li jaddressjja kemm lill-opertaur u kemm lill-management.
e. Jekk dan l-incident kien kaz straordinarju u instantenju li gara darba biss u f'hakka ta' ghajn u li hu wiehed isolat minn mijiet ta' operazzjonijiet li l-pressa taghmel b'mod regolari u konsistenti dan allura wiehed

jista' jghidlu accident li l-operatur ma kellu l-ebda tort. Imma wiehed ma jistax jinsa l-kummenti li saru minn diversi haddiema fuq diffetti li kella l-pressa u sfortunatament mhux dejjem telghu l-management.

f. Is-safety guard jista' jsir biss ineffettiv 'wahdu' minhabba caqliq jew vibrazzjoni mekkaniki kontinwi tal-process dan hu possibbli biss jekk meta dan gie zganjat ghal manutenzjoni jew ghall-ragunijiet ohra teknici u l-iskorfina thalliet fit-tarf tal-kamin allura setghet matul ta' operazzjonijiet tinhall. Sabiex l-operatur ikorri accidentalment allura dan kien ikun hemm bzonn ta' fatti li jikkombinaw ruhhom f'konsegwenza ezatta. Dan iffisser li meta l-operatur kien qieghed idahhal ix-xoghol b'idu l-leminija, fil-istess waqt jinhall il-linkage u l-operatur ghafas ukoll il-pedala b'saqajh. Kieku l-linkages inhall qabel l-operatur kien jinduna li l-guard ma kienx qieghed jiffunzjona u kien issejjah ghal ghajnuna. Almenu hekk suppost li sar.

g. L-attur kien familjari mal-procedura ta' kif tahdem il-pressa, kien gja hadem fuqha u anki tawh instructions. Il-foreman J. Bugeja qal li l-procedura tax-xoghol kienet wahda konsistenti u kulhadd kien jahdem kif suppost. Forsi generika imma hekk qal. Tlesti li kwota qabel kont tibqa' fuq ix-xoghol. Ma kienx hemm incentiv li tghaggel sabiex titlaq lejn id-dar imma minhabba l-bonus biss. Inhossni konvint li l-operaturi kienu mharrga fuq is-sistemi u kien ikun facli ghalihom jekk il-guard kien se jkun effettiv jew le.

h. Kien hemm xhieda fejn intqal li kien hemm kazi simili imma hadd ma wegga'. Din qatt ma waslet ghand il-management kif wkoll min-naha tal-management ma kienx jaf b'kazi ta' diffetti jew malfunzjonijiet tal-pressa. Ir-rapport tekniku li MTS ghamlu wara l-incident wera car ukoll li l-pressa kienet fi stat tajjeb u mhux facli li l-linkage isir ineffettiv wahdu.

i. Mill-accessi li saru, jien personalment rajt u flejt il-pressa in kwistjoni kemm fit-13 ta' Ottubru 1986 u li ssemmiet fl-access ta' 17 ta' April 1986. Il-pressa ghandha superimposta fuq il-faccata guard specjali jissejjah UDAL guard. Bhala mechanical guard huwa komplut f'kull sens ta' safety. Maghmul minn bars u linkages li meta jopera ma hemmx biza jew periklu li se

tkorri lil xi operatur. Il-pressa tinzel b'forza li tqatta' kull tip ta' materjal u hxuniet minghajr ebda sforzi fil-funzjoni ta' 'stampar fuq il-pjanci'. Dan tghamlu meta l-guard ikun imnizzel biss. Ma hemm l-ebda dubju li s-sistema tirrendi 100% safety. L-ebda forza fuq il-pedala tas-sieq ma tharrek is-sistema li tnizzel il-pressa meta l-guard ikun miftuh u lest ghal l-operazzjoni li jmiss. Bil-guard maghluq wiehed jista' jnizzel l-pressa kemm il-darba jrid.

j. Il-linkages li semmejt qabel li joperaw is-safety tal-pressa huma maghmula minn diversi bars u f'post minnhom dawn izommu flimkien permezz ta' bolt, washer u skorfina ta' nofs pulzier li tista' tinhall facilment. Il-fatt li jekk dawn jinhallu b'kapricc jew bi zvista, jew ghal xi ragunijiet ohra tirrendi li x-xoghol tal-pressa jista jikkaguna periklu imma mhux bilfors. Dan l-izmantar ta' l-iskorfina jista' jsir sempliciment min l-operatur jew minn xi hadd iehor midhla tas-sistema jew forsi kienet fit-tarf tal-kamin u waqghet, il-linkages hargu u ghalhekk il-process ta' 'safe operation intilef'.

k. Ix-xhieda miz-zewg nahat bil-gurament jghidu fatti kontra xulxin. Wiehed jghid li l-linkages kien intatt u l-iehor kien jghid li kien mahlul. Kien hemm xi xhieda diversi impjegati u anki mill-konvenut stess li l-attur qatt ma nstab jabbuzza min din 'l-ismantar' tal-linkages. Hekk ukoll il-foreman fir-ronda li kien jaghmel regolari fil-fabbrika qabel u waqt il-produzzjoni qatt ma nduna f'xi hin jew iehor il-linkages kienu mahlulin.

l. Jiena personalment konvint mill-funzjoni tas-safety kif kienet id-disenjata li tahdem, izda insaqsi kif din id-devjazzoni semplici ta' 'tholl skorfina' setghet tithalla li tkun operata min haddiem ghal periklu gravi tal-haddiem stess?. Setghet per ezempju tigi ittagjata permezz ta comba jew 'seal' iehor sabiex anki jekk haddien ikun irrid jabbuza dan kellu jiehu azzjoni kwazi kriminali sabiex jaghmilha. Bhal ma ikkonluda wkoll it-tekniku ta MTS.. ".. fixing of these guards are replaced by a special tool wrench." Taht is-sorveljanza tal-management."

Rat ir-rapport ta' Mr. Charles Grixti li fih semma:

"**<u>EZAMI KLINIKU:</u>**

Briffa gie ezaminat ghal fini ta' dan ir-rapport fit-12 ta' Dicembru 2005.
L-id il-leminija hija l-id dominanti tieghu.
Is-seba tan-nofs ta' l-id il-leminija gie maqtuh fil-livell tal 'proximal interphanlangeal joint.'
Kellu sensitiva qawwija fit-tarf tas-seba tan-nofs ta' l-id leminija.
Il-gog li fadal f'dan is-seba jigifieri l-'metacarpophanlangeal joint' seta jitghawweg bis-shih.

It-tarf tas-seba il-werrej ta' l-id il-leminija giq mqaccat fil-livell ta' 'terminalinterphalangeal joint.'
Il-gogi l-ohra ta' din is-seba setghu jitghawwgu bis-shih.
Il-pazjent seta jiggripja tajjeb bl-id il-leminija u anki jaqbad affarijiet bejn is-seba il-kbir u s-swaba l-ohra ('opposition').

**KONKLUZJONI:**

Joseph Briffa tilef it-truf tas-seba tan-nofs tal-werrej ta' l-id il-leminija meta nqabdu fi pressa waqt li kien fuq ix-xoghol tieghu.
It-tarf tas-seba tan-nofs ta' l-id il-leminija jibqa sensitiv iz-zejjed specjalment jekk jahbat das-seba ma' xi haga iebsa.

Jien nistma' d-dizabilita permanenti li qed isofri Briffa kagun ta' l-incident li kellu fis-6 ta' Gunju 1980 ta' 7% (seba fil-mija)."

Rat ir-relazzjoni ta' Dr. Joseph Micallef Stafrace li fiha semma li:
"Il RESPONSABILTA`

5. L-esponenti jibdew biex jaghmlu riferenza ghall-provi migbura u l-analisi taghhom mil-lat tekniku li saret mill-esponent espert tekniku (li ghandha tieqies bhala parti integrali minn din ir-relazzjoni) u in bazi taghhom jikkonkludu kif gej:

A. Jirrizulta li kien hemm sfunzjonament konsistenti filli l-*guard* baqa fuq u b'hekk momentarjament meta nizlet il-

pressa il-haddiem ma kellux x’jilqaghlu jew jipprotegieh milli l-pressa taqbadlu t-truf ta’ xi swaba.

B. Dan irid jitqies fuq l-isfond tal-prattika tax-xoghol li kienet titlob li tinzamm produzzjoni gholja. Din il-produzzjoni kellha mira li anke jekk il-haddiem kien jilhaqha qabel il-hin normalment mistenni, dan kien jibqa fil-post tax-xoghol. Intqal li spiss kien jigri hekk. Kien hemm ukoll il-fatt tal-bonus meta l-produzzjoni taqbez dak mistenni izda l-haddiema kienu jgawdu minn dan *en masse* fis-sens li dak akkwistat kien jippartecipa minnu kulhadd u mhux xi hadd idahhal iktar minn haddiehor. Dana naturalment skond il-kategoriji.

C. Il-produzzjoni setghet tithaffef billi, b’abbuz haddiem iqieghed il-*guard* ineffettiv. Izda dan jimplika periklu car u cert ghall-haddiem. Anzi periklu kbir stante li l-icken dizattenzjoni jew aljenazzjoni (anke semplici hoss mhux normali li jahsdek) u jgieghlek taqta’ l-koncentrazzjoni momentanjament iwassal ghal drib. Izda dan l-abbuz hu michud mill-attur u l-istess *foreman* stqarr li dawn l-abbuzi qatt ma rahom u l-istess u qatt ma kellu mqar jaghmel xi twissija fir-rigward. Precizament b’mod generiku l-*foreman* J. Bugeja qal li kulhadd kien jahdem kif suppost.

D. Il-kaz irid jigi mistharreg fuq il-fatti pruvati jew preponderanza ta’ probalitajiet u mhux fuq suppozizzjonijiet u suspetti.

E. Ghalhekk u meqjus dan kollu, ghal dak li sehhlu ma nistghux nghidu li l-attur kellu xi htija.

F. Xi xhieda qalu li kien hemm kazi simili ghal dak li gara fil-kaz ta’ l-attur izda billi l-affarijiet ma rrizultawx fi drib il-haddiema ma kabbrux l-incident u ma tela ebda lment ‘l fuq lejn il-*management*.

G. Il-konkluzjoni finali hi li l-incident sehh ghax l-iskorfina b’xi mod inhallet u l-*linkages* tal-*guard* gew ineffettivi u ghal dan iwiegeb il-*management*.

## III LIKWIDAZZJONI TA’ DANNI

6. Meta gara l-incident, l-attur kellu 29 sena u ghalhekk il-firxa ta' snin 'l quddiem (multiplier) hu xieraq li tkun ta' 30 sena li minnhom gja ghaddew 26 sena maghluqa u kwindi m'hemm ebda lok ghal xi eventwali tnaqqis minhabba *lump sum payment*.

7. Irrizulta li meta l-attur kien *on sick leave* minhabba l-incident hu tilef ix-xoghol u dana minhabba sensji li nghataw hu u ohrajn minhabba *redundancies*. Jigifieri dan mhux konness mal-incident.

8. Hu xieraq li, jekk wiehed ihares **<u>lura</u>** lejn is-snin li ghaddew (sitta u ghoxrin) u 'l quddiem lejn l-erbgha li fadal (fuq l-isfondi tal-*multipier*) jibbaza l-kalkolazzjonijiet tieghu fuq qliegh settimanali ta' Lm70. Jekk inqisu l-grad ta' 7 fil-mija stabbilit mill-espert mediku, dan iwassal ghal li gej:-

7% (Lm 70 f.g x 30 sena) = Lm7644.

9. Meqjus ukoll fih innifsu dan li hu quantum xieraq u ghandu jigi arrotondat ghal Lm7650.

Daqstant l-esponenti ghandhom x'jissottomettu ghall-konsiderazzjoni ta' din l-Onor. Qorti."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Louis Theuma vs Anthony Borg** irriteniet illi:

"l-appellant jilmenta, u f'dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F'okkazzjonijiet simili kien hemm gudikati ta' din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-

inkarigu moghti pero’ tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b’mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f’dan il-kaz”.
[Ara wkoll PA – LFS – 22/6/04 **Clive Simpson vs John Saliba noe et**].

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Vella Carmel vs Sammut Victor** (Prim’Awla – Imh. P. Sciberras), deciza fit-18/2/2004 intqal:
“Issa huwa pacifiku f’ kazijiet ta’ din ix-xorta illi l-gudizzju tal-Qorti kellu necessarjament ikun bazat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha koncessa b’ talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali. Ara “**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et***”, Appell Civili, 23 ta’ Gunju 1967;

Huwa minnu illi skond l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bhal materjali istruttorji ohrajn huma kontrollabbli mill-gudikant, kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. “Dan pero` ma tistax taghmlu b’ mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami” - “**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***”, Appell, 29 ta’ Mejju 1998. Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi “f’ cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b’ mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati” -

"**Benjamin Camilleri *nomine* -vs- Charles Debattista *nomine***", Appell, 9 ta' Frar 2001."

Fil-kawza **Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et** (Imh. J. R. Micallef - 01/03/2004) inghad:
"Ir-ragunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqghod fuqu ghaliex, ghalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konkluzjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta' prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta' provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Ghalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqghod ghal fehmiet ta' perit minnha mahtur kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha [Kap 12 Art 681] , madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma irragonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et].

In vista ta' dan il-Qorti ezaminat il-provi imressqa quddiem il-Periti u kif ukoll ezaminat is-sottomissjonijiet imressqa mill-istess kontendenti. Il-Qorti ma ssib ebda raguni biex tvarja mill-konkluzjonijiet tal-esperti teknici u cioe` ta' Mr. Grixti u ta' Alfred Scicluna ghall-istess motivi hawn fuq imsemmija.

Dwar l-aspett ta' danni l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet fil-kawza **John Ransley et vs Edward Restall et** (Prim'Awla – 154/02FS) deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fl-10 ta' Mejju 2005 fejn dwar ***multiplier***, paga u gholi tal-hajja, dizabilita`, ***lump sum payment***, intqal hekk:
***"5a. Multiplier***
Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard**

deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda il-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji.  Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Lambert vs Buttigieg deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:
"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'multiplier' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'multiplier' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, s-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-

xorta u l-grad ta’ inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta’ ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta’ ‘Buttler vs Heard’ – b’dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa’ tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala ‘lucrum cessans’ - jipprova jimprimi sens ta’ gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu.”

Il-multiplier adoperat varja u kien ta’ 5 snin fil-kaz ta’ persuna ta’ 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta’ 15 fil-kaz ta’ persuna ta’ 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15 il-sena fuq persuna ta’ 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta’ 18 fuq persuna ta’ 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta’ 18 fil-kaz ta’ persuna ta’ 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta’ 25 fil-kaz ta’ persuna ta’ 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta’ 26 fil-kaz ta’ persuna ta’ 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta’ Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta’ multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-

aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita' taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

L-attrici ssostni li la issa dhalna fl-Unjoni Ewropea wiehed irid iqis li l-hajja tax-xoghol tizdied sa 65. Izda s'issa ma hemm ebda ligi f'dan is-sens. Wara li l-qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta' tal-attrici ta' 46 li tilhaq l-eta` tal-pensjoni ta' 61, tqis li ghandha tadopera multiplier ta' 15 ghal kaz in ezami.

***5b. Paga u gholi tal-hajja***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna l-attrici li kienet qedgha taqla' salarju gross ta' Lm4748 fis-sena. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'zewg liri fil-gimgha kull sena. Dan ifisser li kull sena il-paga kienet ser tizdied b'LM104 ghal 15-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju prezenti (4748) u dak tal-ahhar salarju (1560 + 4748 = 6308 ) ossia 4748 + 6308 /2 = 5528] u jwassal ghal LM5528. Dan oltre l-awment tal-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga.

***5c. Disabilita`***

Mir-rapport mediku ta' Dr. Ivan Esposito [fol 32 sa 36 tal-process] jirrizulta` li d-disabilita` prezenti tal-attrici hija ta' madwar 20% ghalkemm semma kemm li jista' jkun hemm ***changes as her symptoms subside*** kif ukoll ***earlier onset of degenerative changes.*** Xehed [fol. 90] fid-29 ta' Settembru, 2003 u tkellem dwar l-interventi u li suppost d-disabilita` tonqos, izda tista' wkoll issofri diversi konsegwenzi, u kollox halla energy impact. Ghalhekk il-Qorti sejra toqghod fuq il-bazi ta' 20% bhala disabilita`.

***5d. Lump Sum Payment***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-lump sum payment b'ammont ekwivalenti ghal 5% meta jkunu ghaddew numru ta' snin mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux

awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: “jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m’ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction” – **Agius vs Fenech** 29 ta’ Ottubru, 2003.

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b’10%. 10% gie imnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-OTT-2003, 5% f’**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f’**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghal kaz in ezami din ma tantx hi problema ghax l-incident gara fit-13 ta’ Novembru 2000 u s-sentenza qedgha tinghata erba’ snin u nofs wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta’ 15%.”

Dwar l-aspett tal-***multiplier*** il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dan ghandu jkun ta’ 30 meta l-attur kellu 29 sena fid-data tal-incident u cioe` 6 ta’ Gunju 1980 u dan specjalment in vista tal-fatt li gja ghaddew 27 sena minnhom.

Tikkonkorri wkoll mal-perit dwar qliegh fil-gimgha ta’ Lm70. Dwar dizabilita` din hija 7% kif stabbilita mill-espert mediku.

Dwar ***lump sum payment*** ghar-ragunijiet imsemmija fis-sentenza Ransley et vs Restall et, ma hemm ebda raguni ghala jsir tnaqqis.

Dan iwassal ghal Lm70 x 52 x 30 (sena) x 7% = Lm7644. Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dan huwa ***quantum*** xieraq.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti li d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li l-kumpanija konvenuta mhix responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur minhabba dak li ntqal aktar 'il fuq dwar ir-responsabbilta` ta' l-imsemmija kumpanija.

Tilqa' t-talba attrici li l-imsemmija kumpanija hija responsabbli ghall-korriment tal-attur li sar fis-6 ta' Gunju 1980.

Tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' Lm7644.

Tikkundanna lill-konvenuti ***nomine*** jhallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

Spejjez kontra l-konvenuti ***nomine***.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------